MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Awwissu, 2009

Numru 860/2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba mill-Pulizija kontra l-akkuzat Carmelo Zammit u dan talli:

B’diversi atti maghmulin, ukoll fi zmijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

F’Ottubru 2008, minn geww l-fond tal-Go Mobile li jinsab fi Triq il-Punent, Imsida, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti (top-up vouchers), liema serq huwa aggravat bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet minja u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-persuna u dan ghad-detriment tal-kumpanjia Go u Mobisle Communications Ltd u/jew persuna jew persuni ohra.

U aktar talli bejn il-15 u 17 ta' Lulju 2009, minn gewwa l-fond tal-Go Mobile li jinsab fi Pjazza Antoine De Paul, Rahal il-Gdid, ikkommetta serq ta' diversi oggetti (top-up vouchers), liema serq huwa aggravat bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-persuna u dan ghad-detriment tal-kumpanjia Go u Mobisle Communications Ltd u/jew persuna jew persuni ohra.

U aktar talli bejn it-22 u 23 ta' Lulju 2009, minn geww l-fond tal-Go Mobile li jinsab fi Triq il-Punent, Imsida, ikkommetta serq ta' diversi oggetti (top-up vouchers), liema serq huwa aggravat bil-valur, li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux izjed minn elfejn tliet minja u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u bil-persuna u dan ghad-detriment tal-kumpanjia Go u Mobisle Communications Ltd u/jew persuna jew persuni ohra.

U aktar talli bejn ix-xhur ta' Ottubru 2008 u Awwissu 2009, xjentement f'Malta laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti.

Semghet lill-akkuzat jiddikjara li m'ghandux ogezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet wkoll lill-akkuzat, prezenti l-avukat difensur tieghu, jametti l- akkuzi kollha hlief dik ta' ricettazzjoni.

Il-Qorti ghalhekk issibu hati tal-akkuzi kollha hlif dik ta' ricettazzjoni ai terminu tal-artikolu 334 tal-kodici kriminali u dan skond l-artikloli 18, 261(c)(d), 267, 268(a), 279(a), 280, 281(a) tal-Ligijiet ta' Malta.

In rigward il-piena, wara li semghet il-partijiet, lill-imputat jametti fi stadju bikri tal-proceduri, li r-rifortiva kwazi kollha kemm hi giet rintraccata hlief l-ogetti fl-ammont ta' seba'

mitt ewro (€ 700) u l-fedina penali ta' l-imputat li sallum hi nadifa.

Tara li ghanda tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta oltre dak rigward skond il-ligi ghalhekk il-Qorti tordna li l-imputat jigi liberat bil- kundizzjoni li ma jikkommetiex reat iehor fi zmien sena millum.

Il-Qorti tordna lill-akkuzat ihallas lis-socjeta' Go Mobile (Communications Plc) is-somma ta' seba' mitt Ewro (€ 700) fi zmien xahar millum.

Il-Qorti spjegat is-sentenza lill-akkuzat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------